# Linji Gwida

**Dwar ċerti aspetti tar-rekwiżiti tal-funzjoni għall-konformità tal-MiFID II**

06/04/2021 | ESMA35-36-1952 MT

# Werrej

I. Kamp ta' applikazzjoni ..... 3
Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet ..... 4
II. Għan ..... 7
III. Obbligi ta' konformità u rapportar ..... 8
IV. Linji gwida dwar ċerti aspetti tar-rekwiżiti tal-funzjoni għall-konformità tal-MiFID II ..... 9
1. Responsabbiltajiet tal-funzjoni għall-konformità ..... 9
2. Linji gwida dwar ir-rekwiżiti organizzazzjonali tal-funzjoni għall-konformità ..... 16
3. Rieżami mill-awtorità kompetenti tal-funzjoni għall-konformità ..... 23
VI. Tabella ta' korrelazzjoni bejn il-linji gwida tal-2020 u l-linji gwida tal-2012 ..... 25

# I. Kamp ta' applikazzjoni

**Min?**

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti u għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji li ġejjin:

(i) ditti tal-investiment meta jwettqu servizzi ta' investiment jew attivitajiet ta' investiment jew meta jbigħu jew jagħtu pariri lill-klijenti fir-rigward ta' depożiti strutturati;

(ii) istituzzjonijiet ta' kreditu meta jwettqu servizzi ta' investiment jew attivitajiet ta' investiment jew meta jbigħu jew jagħtu pariri lill-klijenti fir-rigward ta' depożiti strutturati;

(iii) kumpaniji maniġerjali ta' impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) meta jipprovdu s-servizzi msemmija fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-UCITS, f'konformità mal-Artikolu 6(4) ta' dik id-Direttiva; u

(iv) maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi (AIFMs) meta jipprovdu s-servizzi msemmija fl-Artikolu 6(4) tal-AIFMD, f'konformità mal-Artikolu 6(6) ta' dik id-Direttiva.

**Xiex?**

2. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tal-Artikolu 16(2) tal-MIFID II u l-Artikolu 22 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

**Meta?**

3. Dawn il-linji gwida japplikaw minn xahrejn wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

4. Il-Linji Gwida dwar ċerti aspetti tar-rekwiżiti tal-funzjoni għall-konformità tal-MiFID[1] maħruġa skont il-MiFID I se jieqfu japplikaw fl-istess data.

[1] ESMA/2012/388.

# Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet

## Referenzi leġiżlattivi

| | |
|---|---|
| *AIFMD* | Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010[2] |
| *CRD* | Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE[3] |
| *CRR* | Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012[4] |
| *Ir-Regolament tal-ESMA* | Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE[5] |
| *MIFID I* | Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE[6] |
| *MiFID II* | Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE[7] |

---

[2] ĠU L 174, 01.07.2011, p. 1.
[3] ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338–436
[4]ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1–.
[5] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.
[6] ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.
[7] ĠU L 173, 12.06.2014, p. 349.

| | |
|---|---|
| *Ir-Regolament Delegat tal-MiFID II* | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 tal-25 ta' April 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward rekwiżiti organizzazzjonali u kundizzjonijiet għall-operat għal ditti tal-investiment u termini definiti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva[8] |
| *Id-Direttiva Delegata tal-MiFID II* | Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/593 tas-7 ta' April 2016 li tissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward is-salvagwardja tal-istrumenti finanzjarji u l-fondi tal-klijenti, l-obbligi ta' governanza tal-prodotti u r-regoli applikabbli għall-provvediment jew ir-riċeviment ta' tariffi, kummissjonijiet jew kwalunkwe benefiċċju monetarju jew mhux monetarju[9] |
| *Id-Direttiva tal-UCITS* | Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)[10] |
| *AIFMD* | Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010[11] |

**Taqsiriet**

| | |
|---|---|
| *ESMA* | Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |

**Definizzjonijiet**

| | |
|---|---|
| *ditti* | Ditti tal-investiment (kif definiti fl-Artikolu 4(1)(1) tal-MiFID II) meta jipprovdu servizzi ta' investiment jew attivitajiet ta' investiment jew meta jbigħu jew jagħtu pariri lill-klijenti fir-rigward ta' depożiti strutturati; istituzzjonijiet ta' kreditu (kif definiti fl-Artikolu 4(1)(1) tas-CRR) meta jipprovdu servizzi ta' investiment jew attivitajiet ta' investiment jew meta jbigħu jew jagħtu |

[8] ĠU L 87, 31.3.2017, p. 1.
[9] ĠU L 87, 31.3.2017, p. 500.
[10] ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32.
[11] ĠU L 174, 01.07.2011, p. 1.

pariri lill-klijenti fir-rigward ta' depożiti strutturati; kumpaniji maniġerjali tal-UCITS (kif definiti fl-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva tal-UCITS) meta jipprovdu s-servizzi msemmija fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-UCITS, skont l-Artikolu 6(4) ta' dik id-Direttiva; u AIFMs (kif definiti fl-Artikolu 4(1)(b) tal-AIFMD) li huma AIFMs esterni meta jipprovdu s-servizzi msemmija fl-Artikolu 6(4) tal-AIFMD, skont l-Artikolu 6(6) ta' dik id-Direttiva.

# II. Għan

5. Dawn il-linji gwida huma bbażati fuq l-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-ESMA. L-objettivi ta' dawn il-linji gwida huma li jistabbilixxu prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi fi ħdan l-SESF u li jiżguraw l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti ta' ċerti aspetti tal-funzjoni għall-konformità tal-MiFID II relatati mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2.

6. L-ESMA tistenna wkoll li dawn il-linji gwida jippromwovu aktar konverġenza fl-interpretazzjoni tar-rekwiżiti tal-funzjoni għall-konformità tal-MiFID II u fl-approċċi superviżorji għalihom, billi jiġu enfasizzati għadd ta' kwistjonijiet importanti, u b'hekk jissaħħaħ il-valur tal-istandards eżistenti. Billi tgħin tiżgura li d-ditti jikkonformaw mal-istandards regolatorji uniformi, l-ESMA tantiċipa tisħiħ korrispondenti tal-protezzjoni tal-investitur.

# III. Obbligi ta' konformità u rapportar

**Status tal-linji gwida**

7. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u ditti jridu jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida.

8. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida jenħtieġ li jikkonformaw billi jinkorporawhom fl-oqfsa legali u/jew superviżorji nazzjonali tagħhom kif ikun xieraq, inkluż fejn linji gwida partikolari jkunu primarjament maħsuba għad-ditti. F'dan il-każ, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti, permezz tas-superviżjoni tagħhom, jiżguraw li d-ditti jikkonformaw mal-linji gwida.

**Rekwiżiti ta' rapportar**

9. Fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, l-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jinnotifikaw lill-ESMA jekk dawn (i) jikkonformawx, (ii) ma jikkonformawx, iżda għandhom l-intenzjoni li jikkonformaw, jew (iii) ma jikkonformawx u m'għandhomx l-intenzjoni li jikkonformaw mal-linji gwida.

10. F'każ ta' nuqqas ta' konformità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll jinnotifikaw lill-ESMA fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE bir-raġunijiet tagħhom għaliex ma jikkonformawx mal-linji gwida.

11. Il-mudell għan-notifiki huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA. Ladarba jimtela l-mudell, dan għandu jintbagħat lill-ESMA.

12. Id-ditti mhumiex meħtieġa jirrapportaw jekk humiex konformi ma' dawn il-linji gwida.

# IV. Linji gwida dwar ċerti aspetti tar-rekwiżiti tal-funzjoni għall-konformità tal-MiFID II

13. Bħala parti mir-responsabilità tiegħu li jiżgura li d-ditta tikkonforma mal-obbligi tagħha skont il-MiFID II, il-maniġment superjuri jrid jiżgura li l-funzjoni għall-konformità tissodisfa r-rekwitżiti stabbiliti fl-Artikolu 22 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

## 1. Responsabbiltajiet tal-funzjoni għall-konformità

**Linja gwida dwar il-valutazzjoni tar-riskju għall-konformità**

*(il-paragrafu 1 u t-tieni subparagrafu tal-paragrafu (2) tal-Artikolu 22 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II)*

**Linja Gwida 1**

14. Skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II, il-funzjoni għall-konformità għandha, bħala parti mill-kompiti tagħha, twettaq valutazzjoni tar-riskju biex tiżgura li r-riskji tal-konformità jiġu mmonitorjati b'mod komprensiv. Il-funzjoni għall-konformità għandha tistabbilixxi programm ta' monitoraġġ ibbażat fuq ir-riskju abbażi ta' din il-valutazzjoni tar-riskju għall-konformità biex tiddetermina l-prijoritajiet u l-fokus tal-attivitajiet ta' monitoraġġ, ta' konsulenza u ta' għajnuna.

15. Is-sejbiet tal-valutazzjoni tar-riskju għall-konformità jenħtieġ li jintużaw biex jitfassal il-programm ta' ħidma tal-funzjoni għall-konformità u biex jiġu allokati b'mod effiċjenti r-riżorsi tal-funzjonijiet. Il-valutazzjoni tar-riskju għall-konformità jenħtieġ li tiġi rieżaminata fuq bażi regolari, u, fejn meħtieġ, aġġornata biex jiġi żgurat li l-objettivi, il-fokus u l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-konformità u ta' konsulenza jibqgħu validi.

16. Fl-identifikazzjoni tal-livell ta' riskju għall-konformità li tiffaċċja d-ditta, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II jirrikjedi li l-funzjoni għall-konformità tikkunsidra l-oqsma kollha tas-servizzi u l-attivitajiet tal-investiment u s-servizzi anċillari pprovduti mid-ditta. Dan jenħtieġ li jinkludi t-tipi ta' strumenti finanzjarji nnegozjati u mqassma, il-kategoriji tal-klijenti tad-ditta, il-kanali ta' distribuzzjoni u, fejn rilevanti, l-organizzazzjoni interna tal-grupp.

17. Il-valutazzjoni tar-riskju għall-konformità jenħtieġ li tikkunsidra l-obbligi applikabbli taħt il-MiFID II, ir-regoli ta' implimentazzjoni nazzjonali u l-politiki, il-proċeduri, is-sistemi u l-kontrolli implimentati fi ħdan id-ditta fil-qasam tas-servizzi u l-attivitajiet tal-investiment. Il-valutazzjoni jenħtieġ li tikkunsidra wkoll ir-riżultati ta' kwalunkwe attività ta' monitoraġġ u ta' kwalunkwe sejba ta' awditu intern jew estern rilevanti.

18. Ir-riskji identifikati jenħtieġ li jiġu rieżaminati fuq bażi regolari u, meta jkun meħtieġ, ukoll fuq bażi ad hoc biex jiġi żgurat li kwalunkwe riskju emerġenti jiġi kkunsidrat (pereżempju, dawk li jirriżultaw minn oqsma tan-negozju ġodda, bidliet rilevanti oħra fl-istruttura tad-ditta jew fil-qafas regolatorju applikabbli).

**Linja gwida dwar l-obbligi ta' monitoraġġ tal-funzjoni għall-konformità**

*(il-punt (a) u t-tieni subparagrafu tal-paragrafu (2) tal-Artikolu 22 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II)*

**Linja Gwida 2**

19. L-għan tal-programm ta' monitoraġġ ibbażat fuq ir-riskju jenħtieġ li jkun li jevalwa jekk in-negozju tad-ditta jitwettaqx f'konformità mal-obbligi tagħha skont il-MiFID II kif ukoll jekk il-politiki u l-proċeduri interni, l-organizzazzjoni u l-miżuri ta' kontroll tagħha għadhomx effettivi u xierqa biex jiġi żgurat li r-riskju għall-konformità jiġi mmonitorjat b'mod komprensiv.

20. Meta ditta tkun parti minn grupp, ir-responsabbiltà għall-funzjoni għall-konformità hija f'idejn kull ditta f'dak il-grupp. Għalhekk, ditta jenħtieġ li tiżgura li l-funzjoni għall-konformità tagħha tibqa' responsabbli mill-monitoraġġ tar-riskju għall-konformità tagħha stess. Dan jinkludi meta ditta testernalizza l-kompiti ta' konformità lil ditta oħra fil-grupp. Il-funzjoni għall-konformità fi ħdan kull ditta jenħtieġ li, madankollu, tikkunsidra l-grupp li hija parti minnu - pereżempju, billi taħdem mill-qrib mal-persunal tal-awditjar, legali, regolatorju u tal-konformità f'partijiet oħra tal-grupp.

21. L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-konformità jenħtieġ li jifforma l-bażi għad-determinazzjoni tal-għodod u l-metodoloġiji xierqa użati mill-funzjoni għall-konformità, kif ukoll il-firxa tal-programm ta' monitoraġġ u l-frekwenza tal-attivitajiet ta' monitoraġġ imwettqa mill-funzjoni għall-konformità (li jistgħu jkunu rikorrenti, ad hoc u/jew kontinwi). Il-funzjoni għall-konformità jenħtieġ li tiżgura wkoll li l-attivitajiet ta' monitoraġġ tagħha ma jitħallewx biss fuq il-karta, iżda trid tivverifika wkoll kif il-politiki u l-proċeduri huma implimentati fil-prattika, pereżempju permezz ta' spezzjonijiet fuq il-post fl-unitajiet tan-negozju operattivi. Il-funzjoni għall-konformità jenħtieġ li tikkunsidra wkoll il-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżamijiet li jridu jitwettqu.

22. L-eżempji ta' għodod u metodoloġiji xierqa għal attivitajiet ta' monitoraġġ li jistgħu jintużaw mill-funzjoni għall-konformità jinkludu (iżda mhumiex limitati għal):

(a) l-użu ta' miżuri ta' riskju aggregati (pereżempju, indikaturi ta' riskji);

(b) l-użu ta' rapporti (addizzjonali) li jiġġustifikaw attenzjoni mill-maniġment li jiddokumentaw devjazzjonijiet materjali bejn l-okkorrenzi reali u l-aspettattivi (rapport tal-eċċezzjonijiet) jew sitwazzjonijiet li jeħtieġu riżoluzzjoni (il-ġurnal dwar problemi);

(c) is-sorveljanza tal-kummerċ immirata, l-osservazzjoni tal-proċeduri, tar-rieżamijiet ta' dokumenti, tal-intervista lill-persunal rilevanti u/jew, fejn meħtieġ, u fid-diskrezzjoni tal-funzjoni għall-konformità, ta' kampjun rilevanti tal-klijenti tad-ditta;

23. Il-programm ta' monitoraġġ jenħtieġ li jirrifletti l-bidliet li jistgħu jirriżultaw fil-profil tar-riskju tad-ditta, pereżempju, minn avvenimenti sinifikanti bħal akkwiżizzjonijiet korporattivi, bidliet fis-sistema tal-IT, jew riorganizzazzjoni. Jenħtieġ li jestendi wkoll sal-implimentazzjoni u l-effettività ta' kwalunkwe miżura ta' rimedju meħuda mid-ditta bħala

reazzjoni għal ksur tal-MiFID II, ta' atti delegati jew ta' implimentazzjoni relatati u/jew ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħha.

24. L-attivitajiet ta' monitoraġġ imwettqa mill-funzjoni għall-konformità jenħtieġ li jqisu wkoll:

(a) l-obbligu tal-linja ta' azzjoni li tikkonforma mar-rekwiżiti regolatorji;

(b) l-ewwel livell ta' kontrolli fil-linji ta' azzjoni tad-ditta (jiġifieri l-kontrolli mill-unitajiet operattivi, għall-kuntrarju tal-kontrolli tat-tieni livell imwettqa mill-unitajiet tal-konformità); u

(c) r-rieżamijiet mill-funzjoni għall-ġestjoni tar-riskju, mill-funzjoni għall-awditjar intern jew minn funzjonijiet ta' kontroll oħrajn fil-qasam tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment.

25. Ir-rieżamijiet mill-funzjonijiet ta' kontroll jenħtieġ li jkunu kkoordinati mal-attivitajiet ta' monitoraġġ imwettqa mill-funzjoni għall-konformità filwaqt li jiġu rispettati l-indipendenza u l-mandat tal-funzjonijiet differenti.

26. Il-funzjoni għall-konformità jenħtieġ li jkollha rwol fil-monitoraġġ tal-operat tal-proċess tal-ilmenti u jenħtieġ li tqis l-ilmenti bħala sors ta' informazzjoni rilevanti fil-kuntest tar-responsabbiltajiet ġenerali tagħha ta' monitoraġġ. Dan ma jirrikjedix li l-funzjoni għall-konformità jkollha rwol fid-determinazzjoni tal-eżitu tal-ilmenti. F'dan ir-rigward, id-ditti jenħtieġ li jagħtu lill-funzjoni għall-konformità aċċess għall-ilmenti kollha tal-klijenti li tirċievi d-ditta.

**Linja gwida dwar l-obbligi ta' rapportar tal-funzjoni għall-konformità**

*(l-Artikolu 16(2) tal-MiFID II, il-paragrafi (1)(e), (2)(c) u (3)(b) tal-Artikolu 21, il-paragrafi (2) u (3) tal-Artikolu 25 u l-paragrafi (3) u (7) tal-Artikolu 26 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II, il-paragrafi (6) u (7) tal-Artikolu 9 u l-paragrafi (6) u (8) tal-Artikolu 10 tad-Direttiva Delegata tal-MiFID II)*

**Linja Gwida 3**

27. Ir-rapporti obbligatorji dwar il-konformità skont il-paragrafi (2)(c) u (3)(c) tal-Artikolu 22 u l-paragrafi (2) u (3) tal-Artikolu 25 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II huma għodod xierqa li ħaqqhom l-attenzjoni maniġerjali meħtieġa. Ir-rapporti obbligatorji dwar il-konformità jenħtieġ li jkopru l-unitajiet tan-negozju kollha involuti fil-forniment ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment u servizzi anċillari pprovduti minn ditta. Meta r-rapport ma jkunx ikopri dawn l-attivitajiet u s-servizzi kollha tad-ditta, jenħtieġ li jiddikjara r-raġunijiet b'mod ċar.

28. Ir-rapporti obbligatorji dwar il-konformità jenħtieġ li, fost l-oħrajn, ikunu jinkludu informazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin, fejn rilevanti:

(a) Informazzjoni ġenerali:

- informazzjoni dwar l-adegwatezza u l-effettività tal-politiki u l-proċeduri tad-ditta mfassla biex jiżguraw li d-ditta u l-persunal tagħha jikkonformaw mal-obbligi skont il-MiFID II;

- bidliet u żviluppi rilevanti fir-rekwiżiti applikabbli matul il-perjodu kopert mir-rapport;
- sommarju tal-istruttura tal-funzjoni għall-konformità, inkluż il-persunal impjegat b'kollox, il-kwalifiki u l-linji ta' rapportar tal-membri tal-persunal u fir-rapporti li ġejjin, kwalunkwe bidla fihom;

(b) Mod ta' monitoraġġ u rieżami

- kif il-funzjoni għall-konformità timmonitorja l-iżvilupp u twettaq rieżami tal-obbligi skont il-MiFID II u kif jiġu identifikati fi stadju bikri r-riskji possibbli ta' nuqqas ta' konformità mid-ditta jew mill-persunal tagħha ma' dawn l-obbligi;
- sommarju ta' spezzjonijiet fuq il-post jew rieżamijiet ta' dokumenti mwettqa mill-funzjoni għall-konformità;
- sommarju tal-attivitajiet ta' monitoraġġ ippjanati għar-rieżami sussegwenti;

(c) Sejbiet

- sommarju tas-sejbiet ewlenin tar-rieżami tal-politiki u l-proċedura, inklużi r-riskji identifikati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-funzjoni għall-konformità;
- ksur u nuqqasijiet fl-organizzazzjoni u l-proċess ta' konformità tad-ditta;
- l-għadd ta' lmenti riċevuti fil-perjodu taħt rieżami jekk ma jkunux diġà ġew irrappurtati permezz ta' sorsi oħra. Meta, bħala riżultat tar-rieżami tal-ilmenti tal-klijenti, jiġu identifikati kwistjonijiet speċifiċi ta' konformità jew riskju fir-rigward tal-politiki jew il-proċeduri adottati mid-ditta għall-forniment ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment, dawn l-aspetti jenħtieġ li jiġu rrappurtati b'mod speċifiku;

(d) Azzjonijiet meħuda

- sommarju ta' kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġi indirizzat kwalunkwe riskju sinifikanti ta' nuqqas ta' konformità min-naħa tad-ditta jew tal-persunal tagħha li jikkonformaw mal-obbligi skont il-MiFID II;
- il-miżuri meħuda u li għandhom jittieħdu biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli mibdula;
- reazzjoni għall-ilmenti riċevuti u kwalunkwe ħlas li jsir abbażi tal-ilment, jekk ma jkunux diġà ġew irrappurtati permezz ta' sorsi oħra. Azzjonijiet li jirrigwardaw kwistjonijiet speċifiċi ta' konformità jew riskju identifikati b'rabta mal-politiki jew il-proċeduri adottati mid-ditta għall-forniment ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment bħala riżultat tar-rieżami tal-ilmenti tal-klijenti;

(e) Oħrajn

- kwistjonijiet sinifikanti ta' konformità oħraw li seħħew mill-aħħar rapport 'l hawn;
- ħarsa ġenerali lejn il-korrispondenza materjali mal-awtoritajiet kompetenti; u
- informazzjoni dwar kwalunkwe devjazzjoni min-naħa tal-maniġment superjuri minn rakkomandazzjonijiet jew valutazzjonijiet importanti maħruġa mill-funzjoni għall-konformità;

- informazzjoni relatata ma' kwalunkwe devjazzjoni mill-prinċipju li l-unitajiet tan-negozju l-oħra ma għandhomx joħorġu struzzjonijiet jew b'xi mod ieħor jinfluwenzaw il-persunal tal-funzjoni għall-konformità u l-attivitajiet tagħhom; u
- meta ditta tagħmel użu mill-eżenzjoni biex tevita li taħtar uffiċjal għall-konformità li r-responsabbiltà unika tiegħu fi ħdan id-ditta tkun il-funzjoni għall-konformità, valutazzjoni tal-idoneità kontinwa tal-arranġamenti biex jimminimizzaw il-kunflitti ta' interess.

29. Fit-taqsima tar-rapport li tkopri l-arranġamenti ta' governanza tal-prodott tad-ditta, il-funzjoni għall-konformità jenħtieġ li tindirizza wkoll, fejn rilevanti għas-sitwazzjoni tad-ditta (pereżempju, b'kunsiderazzjoni tar-rwol tagħha bħala manifattur u/jew distributur tal-prodott), mill-inqas:

(a) ir-rwol tal-funzjoni għall-konformità fil-parteċipazzjoni fl-elaborazzjoni, il-monitoraġġ u r-rieżami tal-politiki u l-proċeduri ta' governanza tal-prodotti tad-ditta;

(b) is-suġġetti kollha meħtieġa skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II, fir-rigward tal-monitoraġġ tal-governanza tal-prodotti tad-ditta mill-funzjoni għall-konformità (pereżempju, is-sejbiet tal-funzjoni għall-konformità relatati mal-politiki u l-proċeduri ta' governanza tal-prodotti tad-ditta, il-ksur u n-nuqqasijiet, l-azzjonijiet meħuda jew li għandhom jittieħdu biex tiġi rimedjata din tal-aħħar).

(c) sistematikament, informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji manifatturati/distribwiti mid-ditta, inkluża informazzjoni dwar l-istrateġija ta' distribuzzjoni skont l-Artikoli 9(6) u 10(8) tad-Direttiva Delegata tal-MiFID II, jiġifieri mill-inqas:

  - l-għadd u n-natura tal-prodotti manifatturati jew distribwiti (kif applikabbli), inklużi s-swieq fil-mira rispettivi tagħhom u informazzjoni oħra mill-proċess tal-approvazzjoni tal-prodott rispettiv meħtieġ biex jiġi vvalutat ir-riskju għall-konformità tal-prodott, b'mod partikolari mal-politika ta' governanza tal-prodotti tad-ditta (pereżempju, il-kumplessità tal-prodott, il-kunflitti ta' interess relatati mal-prodott, b'mod partikolari *data* rilevanti mill-analiżi tax-xenarju, il-proporzjon tal-ispiża mar-redditu), b'fokus speċifiku fuq tipi ġodda ta' prodotti manifatturati jew distribwiti matul il-perjodu ta' rapportar kif ukoll dawk li l-karatteristiċi tagħhom ġew emendati b'mod sinifikanti matul dak il-perjodu.
  - (fil-każ tal-manifatturi) bħala parti mill-informazzjoni dwar l-istrateġija ta' distribuzzjoni rispettiva: id-distributuri rispettivi b'fokus speċifiku fuq distributuri ġodda;
  - jekk il-prodotti humiex distribwiti barra mis-suq (pożittiv) fil-mira tagħhom u sa liema punt,

bil-għan li jiġi vvalutat jekk l-arranġamenti ta' governanza tal-prodott tad-ditta jaħdmux kif mixtieqa. Biex tagħmel dan, il-funzjoni għall-konformità tista' tagħti ħarsa kritika lejn kwalunkwe xogħol, rapport jew metodu mill-funzjoni jew il-persunal tad-ditta li jaħdmu fuq l-arranġamenti ta' governanza tal-prodotti. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, meta jsir rapportar, pereżempju, dwar l-arranġamenti ta' governanza tal-prodotti tad-ditta, l-informazzjoni għal prodotti aktar sempliċi u aktar komuni tista' tkun inqas profonda, filwaqt li prodotti kkaratterizzati minn karatteristiċi ta' kumplessità/riskju jew minn karatteristiċi rilevanti oħra (bħal, pereżempju, l-illikwidità u l-innovazzjoni) jenħtieġ li jiġu deskritti f'aktar dettall.

30. Soġġett għall-prinċipju tal-proporzjonalità, id-ditti jenħtieġ li jiffavorixxu organizzazzjoni fejn il-funzjoni għall-konformità u l-funzjoni għall-ġestjoni tal-ilmenti jkunu separati kif xieraq. Fejn il-funzjoni għall-konformità tad-ditta taġixxi wkoll bħala l-funzjoni għall-ġestjoni tal-ilmenti tagħha, ir-rapport dwar il-konformità jenħtieġ li jindirizza kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta mill-implimentazzjoni tal-arranġamenti li d-ditta jkollha fis-seħħ biex tivvaluta, timminimizza u timmaniġġa kwalunkwe kunflitt ta' interess bejn iż-żewġ funzjonijiet, inkluż b'mod partikolari, kwalunkwe nuqqas identifikat fir-rigward tal-konformità tad-ditta mal-obbligi tagħha ta' indirizzar tal-ilmenti.

31. Il-funzjoni għall-konformità jenħtieġ li tqis il-ħtieġa għal linji ta' rapportar addizzjonali għal kwalunkwe funzjoni għall-konformità tal-grupp.

32. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu approċċi differenti għas-superviżjoni tal-obbligi ta' rapportar tal-funzjoni għall-konformità. Pereżempju, xi awtoritajiet kompetenti jirrikjedu li d-ditti jipprovdulhom rapporti dwar il-funzjoni għall-konformità fuq bażi regolari jew ad hoc filwaqt li oħrajn jeħtieġu wkoll li l-maniġment superjuri jipprovdi verżjoni annotata tar-rapport li jkun fiha spjegazzjonijiet tas-sejbiet tal-funzjoni għall-konformità. Dawn il-prattiki jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti b'informazzjoni intuwittiva diretta dwar l-attivitajiet ta' konformità ta' ditta, kif ukoll kwalunkwe ksur tad-dispożizzjonijiet applikabbli.

## Linja gwida dwar l-obbligi ta' konsulenza u ta' assistenza tal-funzjoni għall-konformità

*(l-Artikoli 22(2)(b) u 27(3) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II)*

### Linja Gwida 4

33. Id-ditti jenħtieġ li jiżguraw li l-funzjoni għall-konformità tissodisfa r-responsabbiltajiet konsultattivi u ta' assistenza tagħha, inkluż l-għoti ta' appoġġ għat-taħriġ tal-persunal u tal-maniġment; l-għoti ta' assistenza ta' kuljum lill-persunal u lill-maniġment u l-parteċipazzjoni fl-istabbiliment ta' politiki u proċeduri fi ħdan id-ditta (eż. il-politika ta' remunerazzjoni tad-ditta jew il-politiki u l-proċeduri ta' governanza tal-prodotti tad-ditta)

34. Id-ditti jenħtieġ li jippromwovu u jsaħħu "kultura ta' konformità" fid-ditta kollha, li jenħtieġ li tkun appoġġata mill-maniġment superjuri. L-għan tal-kultura ta' konformità mhuwiex biss li jiġi stabbilit l-ambjent ġenerali li fih jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta' konformità, iżda wkoll li l-persunal jipparteċipa fil-prinċipju tat-titjib tal-protezzjoni tal-investituri kif ukoll jikkontribwixxi għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

35. Id-ditta trid tiżgura li l-persunal tagħha jkun imħarreġ kif xieraq12 . Il-funzjoni għall-konformità jenħtieġ li tappoġġa lill-unitajiet tan-negozju fil-qasam tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment (jiġifieri l-persunal kollu involut direttament jew indirettament fil-forniment ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment) fit-twettiq ta' kwalunkwe taħriġ rilevanti.

[12] Ara l-Linji Gwida għall-valutazzjoni tal-għarfien u tal-kompetenza; ESMA71-1154262120-153 MT (rev)

It-taħriġ u l-appoġġ l-ieħor jenħtieġ li jiffukaw b'mod partikolari, iżda mhux esklussivament, fuq:

(a) il-politiki u l-proċeduri interni tad-ditta u l-istruttura organizzazzjonali tagħha fil-qasam tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment; u

(b) MiFID II, l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tagħha, il-liġijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali, l-istandards applikabbli, il-linji gwida u gwidi oħra stabbiliti mill-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti, kwalunkwe rekwiżit superviżorju u regolatorju ieħor li jista' jkun rilevanti u kwalunkwe bidla fihom.

36. It-taħriġ jenħtieġ li jitwettaq fuq bażi regolari, u t-taħriġ ibbażat fuq il-ħtiġijiet jenħtieġ li jitwettaq fejn meħtieġ. It-taħriġ jenħtieġ li jingħata kif xieraq – pereżempju, lill-persunal kollu tad-ditta, lil unitajiet tan-negozju speċifiċi, jew lil individwu partikolari.

37. It-taħriġ jenħtieġ li jiġi żviluppat fuq bażi kontinwa sabiex iqis il-bidliet rilevanti kollha (pereżempju, leġiżlazzjoni, standards jew linji gwida ġodda maħruġa mill-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti, u bidliet fil-mudell tan-negozju tad-ditta).

38. Il-funzjoni għall-konformità jenħtieġ li timmonitorja, f'kooperazzjoni mat-tim maniġerjali, li għandu r-responsabbiltà eżekuttiva aħħarija, jekk il-persunal fil-qasam tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment għandux il-livell meħtieġ ta' sensibilizzazzjoni u jekk japplikax b'mod korrett il-politiki u l-proċeduri tad-ditta.

39. Il-persunal tal-konformità jenħtieġ li jipprovdi wkoll assistenza lill-persunal mill-unitajiet operattivi fil-ħidma tagħhom ta' kuljum u jkun disponibbli biex iwieġeb mistoqsijiet li jirriżultaw mill-attività ta' kuljum tan-negozju.

40. Id-ditti jenħtieġ li jiżguraw li l-funzjoni għall-konformità tkun involuta fl-iżvilupp tal-politiki u l-proċeduri rilevanti fi ħdan id-ditta fil-qasam tas-servizzi u l-attivitajiet tal-investiment u s-servizzi anċillari (pereżempju l-politika ta' remunerazzjoni tad-ditta jew il-politiki u l-proċeduri ta' governanza tal-prodotti tad-ditta). F'dan il-kuntest, il-funzjoni għall-konformità jenħtieġ li tkun tista', pereżempju, tipprovdi għarfien espert u pariri dwar il-konformità lill-unitajiet tan-negozju dwar id-deċiżjonijiet strateġiċi kollha jew il-mudelli ta' negozju ġodda, jew dwar it-tnedija ta' strateġija ta' reklamar ġdida fil-qasam tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment. Jekk il-parir tal-funzjoni għall-konformità ma jiġix segwit, il-funzjoni għall-konformità jenħtieġ li tiddokumenta dan kif xieraq u tippreżentah fir-rapporti dwar il-konformità tagħha (possibbilment bħala rapporti ad hoc, fejn meħtieġ).

41. Id-ditti jenħtieġ li jiżguraw li l-funzjoni għall-konformità tkun involuta fil-modifiki sinifikanti kollha tal-organizzazzjoni tad-ditta fil-qasam tas-servizzi u l-attivitajiet tal-investiment u s-servizzi anċillari. Dan jinkludi l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet meta jkunu qed jiġu approvati linji ta' negozju ġodda jew prodotti finanzjarji ġodda kif ukoll id-definizzjoni ta' politiki ta' rimunerazzjoni tal-persunal. F'dan il-kuntest, il-funzjoni għall-konformità jenħtieġ li tingħata d-dritt li tipparteċipa fil-proċess ta' approvazzjoni tal-prodott għall-manifatturi u d-distributuri kif applikabbli. Il-maniġment superjuri għalhekk jenħtieġ li jirrikjedi li l-unitajiet tan-negozju jikkonsultaw lill-funzjoni għall-konformità fi żmien xieraq fir-rigward tal-operazzjonijiet tagħhom, fejn rilevanti.

42. Id-ditti jenħtieġ li jiżguraw li l-funzjoni għall-konformità tkun involuta fil-korrispondenza materjali kollha li mhix ta' rutina mal-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tas-servizzi u l-attivitajiet tal-investiment.

## 2. Linji gwida dwar ir-rekwiżiti organizzazzjonali tal-funzjoni għall-konformità

### Linja gwida dwar l-effettività tal-funzjoni għall-konformità

*(l-Artikoli 21(1)(d) u 22(3)(a) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II)*

### Linja Gwida 5

43. Meta jkunu qed jiżguraw li huma allokati riżorsi umani u riżorsi oħra xierqa għall-funzjoni għall-konformità, id-ditti jenħtieġ li jqisu l-iskala u t-tipi ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment u servizzi anċillari mwettqa mid-ditta.

44. L-għadd ta' persunal meħtieġ għall-kompiti tal-funzjoni għall-konformità jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq in-natura tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment, is-servizzi anċillari u servizzi oħra pprovduti mid-ditta. Meta l-attivitajiet ta' unità tan-negozju ta' ditta jiġu estiżi b'mod sinifikanti, id-ditta jenħtieġ li tiżgura li l-funzjoni għall-konformità tiġi estiża bl-istess mod kif meħtieġ fid-dawl tal-bidliet fir-riskju għall-konformità tad-ditta. Il-maniġment superjuri jenħtieġ li jimmonitorja regolarment, u mill-inqas darba fis-sena, jekk l-għadd ta' persunal u l-għarfien espert tagħhom għadhomx adegwati għat-twettiq tad-dmirijiet tal-funzjoni għall-konformità.

45. Minbarra r-riżorsi umani, jenħtieġ li jiġu allokati biżżejjed riżorsi tal-IT għall-funzjoni għall-konformità.

46. Meta d-ditta tistabbilixxi baġits għal funzjonijiet jew unitajiet speċifiċi, il-funzjoni għall-konformità jenħtieġ li tiġi allokata baġit li jkun konsistenti mal-livell ta' riskju għall-konformità li d-ditta tkun esposta għalih. L-uffiċjal għall-konformità jenħtieġ li jiġi kkonsultat qabel ma jiġi ddeterminat il-baġit. Id-deċiżjonijiet kollha ta' tnaqqis sinifikanti fil-baġit jenħtieġ li jiġu ddokumentati bil-miktub u jenħtieġ li jkun fihom spjegazzjonijiet dettaljati.

47. Meta jkunu qed jiżguraw li l-persunal tal-funzjoni għall-konformità għandu aċċess għall-informazzjoni rilevanti għall-kompiti tiegħu f'kull mument, id-ditti jenħtieġ li jipprovdu aċċess għall-bażijiet tad-*data* u r-rekords rilevanti kollha (bħal reġistrazzjonijiet ta' konverżazzjonijiet telefoniċi u l-komunikazzjonijiet elettroniċi msemmija fl-Artikolu 76 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II). Sabiex ikollu ħarsa ġenerali permanenti tal-oqsma tad-ditta fejn jista' jkun hemm informazzjoni sensittiva jew rilevanti, l-uffiċjal tal-konformità jenħtieġ li jkollu aċċess għas-sistemi ta' informazzjoni rilevanti kollha fi ħdan id-ditta kif ukoll għal kwalunkwe rapport ta' awditu intern jew estern jew rapportar ieħor lill-maniġment superjuri jew lill-funzjoni superviżorja, jekk ikun hemm. Fejn rilevanti, l-uffiċjal għall-konformità jenħtieġ li jkun jista' wkoll jattendi laqgħat tal-maniġment superjuri jew tal-funzjoni superviżorja. Meta dan id-dritt (li jenħtieġ li jibqa' ta' eċċezzjoni) ma jingħatax, dan jenħtieġ li jiġi ddokumentat u spjegat bil-miktub. L-uffiċjal għall-konformità jenħtieġ li jkollu għarfien profond tal-organizzazzjoni, il-kultura korporattiva u l-proċessi tat-teħid

tad-deċiżjonijiet tad-ditta sabiex ikun jista' jidentifika liema laqgħat huma importanti li jattendi.

48. B'mod partikolari, huwa importanti li d-ditta timplimenta l-arranġamenti meħtieġa biex tiżgura skambju effettiv tal-informazzjoni bejn il-funzjoni għall-konformità u funzjonijiet oħra għall-kontroll (pereżempju l-awditjar intern u l-ġestjoni tar-riskju) kif ukoll ma' kwalunkwe awditur intern jew estern.

**Linja gwida dwar il-ħiliet, l-għarfien, l-għarfien espert u l-awtorità tal-funzjoni għall-konformità**

*(l-Artikoli 21(1)(d) u l-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 22(3) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II)*

**Linja Gwida 6**

49. Il-persunal tal-konformità tad-ditta għandu jkollu l-ħiliet, l-għarfien u l-għarfien espert meħtieġa biex iwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikoli 21(1)(d) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II. Barra minn hekk, il-funzjoni għall-konformità għandu jkollha l-awtorità meħtieġa skont l-Artikolu 22(3)(a) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II. Dawn ir-rekwiżiti jenħtieġ li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari mid-ditti meta jaħtru l-uffiċjal għall-konformità. B'kunsiderazzjoni tal-funzjoni u tal-kompiti assenjati lill-uffiċjal għall-konformità, dan jenħtieġ li juri standards etiċi professjonali għoljin u integrità personali.

50. Sabiex jiġi żgurat li l-funzjoni għall-konformità jkollha l-awtorità meħtieġa għad-dmirijiet tagħha, il-maniġment superjuri tad-ditta jenħtieġ li jappoġġaha fit-twettiq ta' dawn id-dmirijiet. L-awtorità timplika l-pussess ta' għarfien espert u ħiliet personali rilevanti (bħal, pereżempju, il-ġudizzju) adegwati, u tista' tissaħħaħ permezz tal-politika ta' konformità tad-ditta li tirrikonoxxi b'mod espliċitu l-awtorità speċifika tal-funzjoni għall-konformità.

51. Fi ħdan il-funzjoni għall-konformità jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas għarfien tal-MiFID II u tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni relatati kollha, tal-liġijiet u r-regolamenti ta' implimentazzjoni nazzjonali kif ukoll tal-istandards, il-linji gwida u gwidi oħra applikabbli kollha maħruġa mill-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti, sa fejn dawn ikunu rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tal-konformità. Il-persunal tal-konformità jenħtieġ li jiġi mħarreġ regolarment sabiex iżomm l-għarfien tiegħu. L-uffiċjal għall-konformità maħtur jenħtieġ li jkollu livell ogħla ta' għarfien espert.

52. L-uffiċjal għall-konformità jenħtieġ li jkollu għarfien u esperjenza mifruxa biżżejjed u livell għoli biżżejjed ta' għarfien espert sabiex ikun jista' jassumi r-responsabbiltà għall-funzjoni għall-konformità b'mod ġenerali u jiżgura li din tkun effettiva. Sabiex jintwera l-livell meħtieġ ta' għarfien u/jew esperjenza, jistgħu jiġu previsti għażliet differenti fil-livell nazzjonali fl-Istat Membru kkonċernat. Pereżempju, xi awtoritajiet kompetenti jilliċenzjaw jew japprovaw l-uffiċjal għall-konformità nominat wara valutazzjoni tal-kwalifiki tal-uffiċjal għall-konformità. Din il-valutazzjoni tista' tinkludi analiżi tal-curriculum vitae tal-uffiċjal għall-konformità, kif ukoll intervista mal-persuna nominata u/jew eżami li trid tgħaddi minnu. Dan it-tip ta' proċess jista' jgħin issaħħaħ il-pożizzjoni tal-funzjoni għall-konformità fi ħdan id-ditta u fir-rigward ta' partijiet terzi. L-approċċi regolatorji l-oħra jimponu r-responsabbiltà għall-valutazzjoni tal-kwalifiki tal-uffiċjal għall-konformità fuq il-

maniġment superjuri tad-ditta biss. Il-maniġment superjuri jivvaluta l-kwalifiki tal-uffiċjal għall-konformità prospettiv qabel dan jinħatar. Jekk id-ditta tikkonformax kif suppost mar-rekwiżiti tal-Artikolu 21(1)(d) u l-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 22(3) imbagħad jiġi vvalutat fi ħdan ir-rieżami ġenerali tal-konformità tad-ditta mar-rekwiżiti rilevanti tal-MiFID II.

53. L-uffiċjal għall-konformità jenħtieġ li juri biżżejjed esperjenza professjonali peress li din hija meħtieġa biex ikun jista' jivvaluta r-riskji ta' konformità u l-kunflitti ta' interess inerenti fl-attivitajiet tan-negozju tad-ditta. L-esperjenza professjonali meħtieġa tista' tkun inkisbet, fost l-oħrajn, f'pożizzjonijiet operattivi, f'funzjonijiet oħra ta' kontroll jew f'funzjonijiet regolatorji. F'xi ġurisdizzjonijiet, l-esperjenza professjonali titqies biss jekk tkun inkisbet waqt perjodu minimu ta' żmien u sakemm ma tkunx skaduta.

54. L-uffiċjal għall-konformità jenħtieġ li jkollu għarfien speċifiku tal-attivitajiet differenti pprovduti mid-ditta. L-għarfien espert rilevanti meħtieġ jista' jvarja minn ditta għal oħra, peress li n-natura tar-riskji ewlenin ta' konformità li d-ditti jiffaċċjaw jistgħu jvarjaw. L-uffiċjal għall-konformità li jkun għadu kif ġie impjegat jista' għalhekk ikun jeħtieġ għarfien speċjalizzat addizzjonali li jiffoka fuq il-mudell tan-negozju speċifiku tad-ditta, anki jekk il-persuna fil-passat tkun okkupat il-kariga ta' uffiċjal għall-konformità għal ditta oħra.

### Linja gwida dwar il-permanenza tal-funzjoni għall-konformità

*(l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(2) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II)*

### Linja Gwida 7

55. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(2) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II jirrikjedi li d-ditti jiżguraw li l-funzjoni għall-konformità twettaq il-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħha fuq bażi permanenti. Id-ditti għalhekk jenħtieġ li jistabbilixxu arranġamenti adegwati biex jiżguraw li r-responsabbiltajiet tal-uffiċjal għall-konformità jiġu ssodisfati meta l-uffiċjal għall-konformità jkun assenti, u l-arranġamenti adegwati biex jiżguraw li r-responsabbiltajiet tal-funzjoni għall-konformità jitwettqu fuq bażi kontinwa. Dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jsiru bil-miktub.

56. Id-ditta jenħtieġ li tiżgura, pereżempju permezz ta' proċeduri interni u arranġamenti ta' sostituzzjoni, li r-responsabbiltajiet tal-funzjoni għall-konformità jiġu ssodisfati b'mod adegwat waqt kwalunkwe assenza tal-uffiċjal għall-konformità.

57. Ir-responsabbiltajiet u l-kompetenzi kif ukoll l-awtorità tal-funzjoni għall-konformità jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'"politika ta' konformità" jew politiki ġenerali jew regoli interni oħra li jqisu l-kamp ta' applikazzjoni u n-natura tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment tad-ditta. Dan jenħtieġ li jinkludi informazzjoni dwar il-programm ta' monitoraġġ u d-dmirijiet ta' rapportar tal-funzjoni għall-konformità kif ukoll informazzjoni dwar l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju tal-funzjoni għall-konformità għall-attivitajiet ta' monitoraġġ. L-emendi rilevanti għar-rekwiżiti applikabbli jenħtieġi li jiġu riflessi minnufih billi jiġu adattati dawn il-politiki/ir-regoli.

58. Il-funzjoni għall-konformità jenħtieġ li twettaq l-attivitajiet tagħha fuq bażi permanenti u mhux biss f'ċirkostanzi speċifiċi. Dan jinvolvi monitoraġġ regolari abbażi ta' skeda ta' monitoraġġ. L-attivitajiet ta' monitoraġġ jenħtieġ li jkopru regolarment l-oqsma ewlenin kollha tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment ipprovduti mid-ditta, filwaqt li jiġi kkunsidrat ir-riskju għall-konformità assoċjat mal-oqsma tan-negozju. Il-funzjoni għall-konformità jenħtieġ li tkun kapaċi tirreaġixxi malajr għal avvenimenti mhux imbassra, u b'hekk tkun kapaċi tibdel il-fokus tal-attivitajiet tagħha f'perjodu ta' żmien qasir jekk ikun meħtieġ.

**Linja gwida dwar l-Indipendenza tal-funzjoni għall-konformità**

*(il-punti (b), (d) u (e) tal-Artikolu 22(3) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II)*

**Linja Gwida 8**

59. Id-ditti jenħtieġ li jiżguraw li l-funzjoni għall-konformità jkollha pożizzjoni fl-istruttura organizzazzjonali tagħhom li tiżgura li l-uffiċjal għall-konformità u persunal ieħor għall-konformità jaġixxu b'mod indipendenti meta jwettqu l-kompiti tagħhom.

60. Filwaqt li l-maniġment superjuri huwa responsabbli mill-istabbiliment ta' organizzazzjoni għall-konformità xierqa u għall-monitoraġġ tal-effettività tal-organizzazzjoni li tkun ġiet implimentata, il-kompiti mwettqa mill-funzjoni għall-konformità jenħtieġ li jitwettqu indipendentement mill-maniġment superjuri u unitajiet oħra tad-ditta. B'mod partikolari, l-organizzazzjoni tad-ditta jenħtieġ li tiżgura li unitajiet tan-negozju oħra ma jkunux jistgħu joħorġu istruzzjonijiet jew jinfluwenzaw b'xi mod ieħor lill-persunal tal-konformità u l-attivitajiet tagħhom u jenħtieġ li tiġi implimentata proċedura eskalanti xierqa mill-funzjoni għall-konformità għall-maniġment superjuri.

61. Meta l-maniġment superjuri jiddevja minn rakkomandazzjonijiet jew valutazzjonijiet importanti maħruġa mill-funzjoni għall-konformità, l-uffiċjal għall-konformità jenħtieġ li jiddokumenta dan kif xieraq u jippreżentah fir-rapporti dwar il-konformità.

**Linja gwida dwar il-proporzjonalità fir-rigward tal-effettività tal-funzjoni għall-konformità**

*(l-Artikolu 22(4) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II)*

**Linja Gwida 9**

62. Id-ditti jenħtieġ li jiddeċiedu liema miżuri, inklużi miżuri organizzazzjonali u l-livell ta' riżorsi, huma l-aktar adattati biex jiżguraw l-effettività tal-funzjoni għall-konformità fiċ-ċirkostanzi partikolari tad-ditta.

63. Meta jkunu qed jiddeċiedu jekk ir-rekwiżiti skont il-punti (d) u (e) tal-Artikolu 22(3) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II humiex proporzjonati u jekk il-funzjoni għall-konformità tagħhom għadhiex effettiva, id-ditti jenħtieġ li jqisu mill-inqas il-kriterji li ġejjin:

a) it-tipi ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment, is-servizzi anċillari u attivitajiet oħra ta' negozju pprovduti mid-ditta (inklużi dawk mhux relatati mas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment u s-servizzi anċillari);

b) l-interazzjoni bejn is-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment u s-servizzi anċillari u attivitajiet oħra ta' negozju mwettqa mid-ditta;

c) il-kamp ta' applikazzjoni u l-volum tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment u s-servizzi anċillari mwettqa (assoluti u relattivi għal attivitajiet kummerċjali oħra), it-total tal-karta tal-bilanċ u l-introjtu tad-ditta minn kummissjonijiet u tariffi u introjtu ieħor fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment u servizzi anċillari;

d) it-tipi ta' strumenti finanzjarji offruti lill-klijenti;

e) it-tipi ta' klijenti fil-mira tad-ditta (professjonali, tal-bejgħ bl-imnut, kontropartijiet eliġibbli);

f) l-għadd ta' persunal;

g) jekk id-ditta hijiex parti minn grupp skont it-tifsira tal-punt 11 tal-Artikolu 2 tas-CRD;

h) servizzi pprovduti permezz ta' network kummerċjali, bħal aġenti marbuta, jew fergħat;

i) attivitajiet transfruntiera pprovduti mid-ditta; u

j) l-organizzazzjoni u s-sofistikazzjoni tas-sistemi tal-IT.

64. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jsibu wkoll dawn il-kriterji utli biex jiddeterminaw liema tipi ta' ditti jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni tal-proporzjonalità skont l-Artikolu 22(4) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II.

65. Id-ditta tista' taqa', pereżempju, taħt l-eżenzjoni tal-proporzjonalità jekk it-twettiq tal-kompiti ta' konformità meħtieġa ma jirrikjedix pożizzjoni full-time minħabba n-natura, l-iskala u l-kumplessità tan-negozju tad-ditta, u n-natura u l-firxa tas-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment u s-servizzi anċillari offruti.

66. Filwaqt li dejjem għandu jinħatar uffiċjal għall-konformità, jista' jkun sproporzjonat għal xi ditti, skont iċ-ċirkostanzi (pereżempju, ditti żgħar b'attivitajiet limitati u mhux kumplessi u/jew volumi limitati) li jinħatar uffiċjal għall-konformità separat li ma jwettaq l-ebda funzjoni oħra. Meta d-ditta tagħmel użu mill-eżenzjoni (li jenħtieġ li tiġi vvalutata u ġustifikata fuq bażi ta' każ b'każ), il-kunflitti ta' interess bejn il-kompiti mwettqa mill-persuni rilevanti jenħtieġ li jiġu minimizzati kemm jista' jkun.

67. Id-ditta li ma għandhiex għalfejn tikkonforma mar-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 22(3) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II skont il-prinċipju tal-proporzjonalità tista' torbot il-funzjoni legali u ma' dik għall-konformità. Madankollu, ditta b'attivitajiet aktar kumplessi jew ta' daqs akbar jenħtieġ li tevita tali rabta jekk tkun tista' timmina l-effettività tal-funzjoni għall-konformità.

68. Meta d-ditta tagħmel użu mill-eżenzjoni tal-proporzjonalità, jenħtieġ li tniżżel kif hija ġġustifikata, sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tivvalutaha.

**Linji gwida dwar it-tagħqid tal-funzjoni għall-konformità ma' funzjonijiet oħra ta' kontroll intern**

*(l-Artikolu 22(3)(d) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II)*

**Linja Gwida 10**

69. Id-ditta jenħtieġ li tiffavorixxi organizzazzjoni fejn il-funzjonijiet ta' kontroll ikunu separati kif xieraq. Ir-rabta tal-funzjoni għall-konformità ma' funzjonijiet oħra għall-kontroll tista' tkun aċċettabbli jekk din ma tikkompromettix l-effettività u l-indipendenza tal-funzjoni għall-konformità. Kwalunkwe rabta bħal din jenħtieġ li tiġi ddokumentata, inklużi r-raġunijiet għar-rabta, biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivvalutaw jekk ir-rabta tal-funzjonijiet hijiex xierqa fiċ-ċirkostanzi. Madankollu, meta tkun ġiet stabbilita funzjoni għall-awditjar intern u tinżamm fi ħdan id-ditta tal-investiment skont l-Artikolu 24 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II, din il-funzjoni ma tistax tintrabat ma' funzjonijiet oħra għall-kontroll bħall-funzjoni għall-konformità, skont l-Artikolu 24.

70. Il-persunal għall-konformità ġeneralment jenħtieġ li ma jkunx involut fl-attivitajiet li jimmonitorja. Madankollu, tista' tkun aċċettabbli rabta tal-funzjoni għall-konformità ma' unitajiet oħra għall-kontroll fl-istess livell (bħall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus) jekk din ma tiġġenerax kunflitti ta' interess u ma tikkompromettix l-effettività tal-funzjoni għall-konformità.

71. Jekk il-persunal minn funzjonijiet għall-kontroll oħra jwettaqx ukoll kompiti ta' konformità jenħtieġ li jkun ukoll kunsiderazzjoni rilevanti fid-determinazzjoni tal-għadd rilevanti ta' persunal meħtieġ għall-funzjoni għall-konformità.

72. Jekk il-funzjoni għall-konformità tingħaqad ma' funzjonijiet oħra għall-kontroll kif ukoll jekk le, il-funzjoni għall-konformità jenħtieġ li tikkoordina l-attivitajiet tagħha mal-attivitajiet ta' kontroll tat-tieni livell imwettqa minn unitajiet oħra responsabbli minn funzjonijiet oħra għall-kontroll.

73. Meta l-uffiċjal għall-konformità ma jinħatarx bħala l-uffiċjal uniku msemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva Delegata tal-MiFID II, kemm l-uffiċjal imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva Delegata tal-MiFID II kif ukoll l-uffiċjal għall-konformità jenħtieġ li jaġixxu b'mod indipendenti, u jenħtieġ li l-uffiċjal għall-konformità ma jissorveljax u/jew ma joħroġx istruzzjonijiet lill-uffiċjal uniku msemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva Delegata tal-MiFID II.

74. Meta l-funzjoni għall-konformità tintrabat ma' funzjonijiet oħra ta' kontroll kif speċifikat fil-paragrafu 69 jew meta tkun responsabbli wkoll minn kompiti oħra (pereżempju kontra l-ħasil tal-flus), jenħtieġ li d-ditta tiżgura li talloka biżżejjed riżorsi għall-konformità mal-MiFID f'kull ħin.

**Linji gwida dwar l-esternalizzazzjoni tal-funzjoni għall-konformità**

*(l-Artikoli 22 u 31 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II)*

**Linja Gwida 11**

75. Id-ditti jenħtieġ li jiżguraw li r-rekwiżiti kollha applikabbli għall-funzjoni għall-konformità jkomplu jiġu ssodisfati meta l-funzjoni għall-konformità kollha jew parti minnha tiġi esternalizzata.

76. Ir-rekwiżiti ta' esternalizzazzjoni għal funzjonijiet kritiċi jew importanti stabbiliti fl-Artikoli 16(5) tal-MiFID II u 31 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tal-MiFID II japplikaw bis-sħiħ għall-esternalizzazzjoni tal-funzjoni għall-konformità.

77. Id-ditti jistgħu jesternalizzaw biss il-kompiti, iżda mhux ir-responsabbiltajiet: id-ditti li jixtiequ jagħmlu esternalizzazzjoni jibqgħu kompletament responsabbli mill-kompiti li jiġu esternalizzati. Fi kliem ieħor, kif stabbilit fl-Artikolu 31(2)(e) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II, il-kapaċità li jiġu kkontrollati l-kompiti esternalizzati u li jiġu ġestiti r-riskji assoċjati mal-esternalizzazzjoni għandha dejjem tibqa' tad-ditta li tibda l-esternalizzazzjoni.

78. Id-ditta jenħtieġ li twettaq valutazzjoni tad-diliġenza dovuta qabel ma tagħżel il-fornitur tas-servizz sabiex tiżgura li r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 22 u 31 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II jiġu ssodisfati. Id-ditta jenħtieġ li tiżgura li l-fornitur tas-servizz ikollu l-awtorità, ir-riżorsi, l-għarfien espert u l-aċċess meħtieġa għall-informazzjoni rilevanti kollha sabiex iwettaq il-kompiti tal-funzjoni għall-konformità esternalizzata b'mod effettiv. Il-firxa tal-valutazzjoni tad-diliġenza dovuta jenħtieġ li tkun dipendenti min-natura, l-iskala, il-kumplessità u r-riskju tal-kompiti u l-proċessi ta' konformità li jiġu esternalizzati.

79. Id-ditti jenħtieġ li jiżguraw ukoll li meta l-funzjoni għall-konformità tiġi esternalizzata parzjalment jew kompletament, tibqa' permanenti fin-natura tagħha, jiġifieri l-fornitur tas-servizz jenħtieġ li jkun jista' jwettaq il-funzjoni fuq bażi kontinwa u mhux biss f'ċirkostanzi speċifiċi.

80. Id-ditti jenħtieġ li jissorveljaw jekk il-fornitur tas-servizz iwettaqx id-dmirijiet tiegħu b'mod adegwat, li jinkludu l-monitoraġġ tal-kwalità u l-kwantità tas-servizzi pprovduti. Il-maniġment superjuri huwa responsabbli mis-superviżjoni u l-monitoraġġ tal-kompiti esternalizzati fuq bażi kontinwa u jenħtieġ li jkollu r-riżorsi u l-għarfien espert meħtieġa biex ikun jista' jissodisfa din ir-responsabbiltà. Il-maniġment superjuri jista' jaħtar persuna speċifika biex tissorvelja u timmonitorja l-funzjoni esternalizzata f'ismu.

81. L-esternalizzazzjoni tal-kompiti tal-funzjoni għall-konformità fi grupp ma twassalx għal livell aktar baxx ta' responsabbiltà għall-maniġment superjuri tad-ditti individwali fil-grupp. Madankollu, funzjoni għall-konformità tal-grupp ċentralizzata f'xi każijiet tista' tipprovdi lill-uffiċjal għall-konformità aċċess aħjar għall-informazzjoni, u twassal biex il-funzjoni jkollha effiċjenza akbar, speċjalment jekk l-entitajiet għandhom l-istess bini.

82. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 22(4) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II, jekk ditta, minħabba n-natura, l-iskala u l-kumplessità tan-negozju tagħha u n-natura u l-firxa ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment tagħha, ma tikkonformax mal-Artikolu 22(3)(d) tar-Regolament Delegat tal-MiFID II (jiġifieri l-persunal tal-konformità tagħha jkun involut ukoll fit-twettiq ta' servizzi jew attivitajiet li jimmonitorja), tista' tikkunsidra li l-esternalizzazzjoni tal-kompiti tal-funzjoni għall-konformità x'aktarx li tkun approċċ xieraq.

83. Fil-każijiet kollha, l-esternalizzazzjoni tal-funzjoni għall-konformità ma għandhiex (i) timmina l-kwalità u l-indipendenza tagħha, (ii) toħloq riskji operazzjonali addizzjonali bla bżonn, (iii) tfixkel l-attivitajiet tal-kontrolli interni jew (iv) tfixkel il-kapaċità tad-ditta u tal-awtorità kompetenti rilevanti li tissorvelja l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli.

84. L-esternalizzazzjoni tal-kompiti kollha jew parti minnhom tal-funzjoni għall-konformità lil entitajiet mhux tal-UE tista' potenzjalment tagħmel is-sorveljanza u s-superviżjoni tal-funzjoni għall-konformità aktar diffiċli u għalhekk jenħtieġ li tkun soġġetta għal monitoraġġ aktar mill-qrib.

85. F'każ li l-arranġament ta' esternalizzazzjoni relatat mal-funzjoni għall-konformità jintemm, id-ditti jenħtieġ li jiżguraw il-kontinwità tal-funzjoni għall-konformità jew billi jittrasferixxuha lura lid-ditta jew billi jesternalizzawha lil fornitur ieħor.

### 3. Rieżami mill-awtorità kompetenti tal-funzjoni għall-konformità

**Linji gwida dwar ir-rieżami tal-funzjoni għall-konformità mill-awtoritajiet kompetenti**

*(l-Artikolu 7 tal-MiFID II u l-Artikolu 22 tar-Regolament Delegat tal-MiFID II)*

**Linja Gwida 12**

86. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jirrieżaminaw kif id-ditti jippjanaw li jissodisfaw, jimplimentaw u jżommu r-rekwiżiti applikabbli tal-funzjoni għall-konformità. Dan jenħtieġ li japplika fil-kuntest tal-proċess tal-awtorizzazzjoni, kif ukoll, skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju, matul is-superviżjoni kontinwa.

87. L-Artikolu 7 tal-MiFID II jiddikjara li "awtorità kompetenti ma għandhiex tikkonċedi awtorizzazzjoni għajr jekk u sa dak iż-żmien li fih tkun sodisfatta għal kollox li l-applikant jikkonforma mal-ħtiġiet kollha dwar id-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva (MiFID II)". Għaldaqstant, l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tivvaluta jekk il-funzjoni għall-konformità ta' ditta għandhiex biżżejjed riżorsi u hijiex organizzata b'mod adegwat u jekk ġewx stabbiliti linji ta' rapportar adegwati. Dan jenħtieġ li jirrikjedi, bħala kundizzjoni għall-awtorizzazzjoni, li kwalunkwe emenda meħtieġa għall-funzjoni għall-konformità ssir bħala kundizzjoni għall-awtorizzazzjoni.

88. Barra minn hekk, bħala parti mill-proċess superviżorju kontinwu, awtorità kompetenti għandha – wara approċċ ibbażat fuq ir-riskju – tivvaluta jekk il-miżuri implimentati mid-ditta għall-funzjoni għall-konformità humiex adegwati, u jekk il-funzjoni għall-konformità tissodisfax ir-responsabbiltajiet tagħha b'mod xieraq. Id-ditti huma responsabbli li

jiddeterminaw jekk humiex meħtieġa emendi għar-riżorsi u l-organizzazzjoni tal-funzjoni għall-konformità minħabba bidliet fil-mudell tan-negozju tad-ditta. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ ukoll li, bħala parti mis-superviżjoni kontinwa tagħhom u skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju, jivvalutaw u jimmonitorjaw - fejn u jekk ikun xieraq - jekk tali emendi humiex meħtieġa u ġewx implimentati. L-awtorità kompetenti jenħtieġ li tipprovdi perjodu ta' żmien raġonevoli biex id-ditta tagħmel emendi. Madankollu, l-emendi tad-ditti mhumiex neċessarjament soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti.

89. Kif issemma fil-paragrafu 52 hawn fuq, xi awtoritajiet kompetenti jilliċenzjaw jew japprovaw l-uffiċjal għall-konformità nominat wara valutazzjoni tal-kwalifiki tal-uffiċjal għall-konformità.

90. L-approċċi regolatorji l-oħra jimponu r-responsabbiltà mill-valutazzjoni tal-kwalifiki tal-uffiċjal għall-konformità fuq il-maniġment superjuri tad-ditta biss. Xi Stati Membri jirrikjedu li d-ditti jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bil-ħatra u s-sostituzzjoni tal-uffiċjal għall-konformità. F'xi ġurisdizzjonijiet, din in-notifika għandha tkun akkumpanjata wkoll minn dikjarazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għas-sostituzzjoni. Dan jista' jgħin lill-awtoritajiet kompetenti jiksbu informazzjoni intuwittiva dwar tensjonijiet possibbli bejn l-uffiċjal għall-konformità u l-maniġment superjuri li jistgħu jkunu indikazzjoni ta' nuqqasijiet fl-indipendenza tal-funzjoni għall-konformità.

91. Xi Stati Membri jeħtieġu li l-uffiċjal għall-konformità jimla kwestjonarju annwali sabiex jiġbru informazzjoni dwar il-konformità tad-ditta. Il-kwestjonarju huwa tabella ta' evalwazzjoni dwar kif in-negozju tad-ditta huwa intenzjonat li jiġi mwettaq u mmonitorjat mid-ditta. Din it-tabella ta' evalwazzjoni tinkludi mistoqsijiet relatati mas-servizzi ta' investiment kollha li d-ditta hija awtorizzata twettaq. Xi mistoqsijiet huma relatati wkoll mal-monitoraġġ u l-kontroll tal-attività mwettqa mid-ditta. (eż. kif huma organizzati l-funzjonijiet għall-kontroll, għand min jirrapportaw, jekk humiex esternalizzati xi funzjonijiet, eċċ., kif ukoll għadd ta' oqsma miftuħa li jitolbu lid-ditta tiddeskrivi kwalunkwe bidla u żvilupp rilevanti meta mqabbla mas-snin preċedenti). It-tweġibiet jistgħu jiġu vvalidati mill-maniġment superjuri tad-ditta u mbagħad jintbagħtu lill-awtorità kompetenti. Dan il-kwestjonarju jista' jkun rapport standardizzat li jista' jinqara mill-magni biex tkun tista' tiġi estratta d-*data*, jinkorpora indikaturi kwalitattivi u jindika l-anomaliji b'mod effiċjenti fl-użu tar-riżorsi. Il-kwestjonarju jista' jintuża mill-awtoritajiet kompetenti biex jimmonitorjaw id-ditta u biex jitolbu lid-ditta tadotta pjan ta' azzjoni biex tirrimedja l-kwistjonijiet kif ukoll biex tiddetermina l-prijoritajiet tas-superviżjoni tal-awtorità kompetenti u biex tikkalibra l-approċċ tagħha bbażat fuq ir-riskju.

92. Il-prattiki ta' hawn fuq jistgħu jkunu ta' għajnuna għal awtoritajiet kompetenti oħra.

# VI. Tabella ta' korrelazzjoni bejn il-linji gwida tal-2020 u l-linji gwida tal-2012

| Linji gwida tal-2020 | Linji gwida tal-2012 |
|---|---|
| **Responsabbiltajiet tal-funzjoni għall-konformità** | |
| **Valutazzjoni tar-riskju tal-konformità**<br>*Linja Gwida 1* | **Valutazzjoni tar-riskju tal-konformità**<br>*Linja Gwida Ġenerali 1* |
| **Obbligi ta' monitoraġġ tal-funzjoni għall-konformità**<br>*Linja Gwida 2* | **Obbligi ta' monitoraġġ tal-funzjoni għall-konformità**<br>*Linja Gwida Ġenerali 2* |
| **Obbligi ta' rapportar tal-funzjoni għall-konformità**<br>*Linja Gwida 3* | **Obbligi ta' rapportar tal-funzjoni għall-konformità**<br>*Linja Gwida Ġenerali 3* |
| **Obbligi ta' konsulenza u assistenza tal-funzjoni għall-konformità**<br>*Linja Gwida 4* | **Obbligi ta' konsulenza tal-funzjoni għall-konformità**<br>*Linja Gwida Ġenerali 4* |
| **Rekwiżiti organizzazzjonali tal-funzjoni għall-konformità** | |
| **Effettività tal-funzjoni għall-konformità**<br>*Linja Gwida 5* | **Effettività tal-funzjoni għall-konformità**<br>*Linja Gwida Ġenerali 5* |
| **Ħiliet, għarfien, għarfien espert u awtorità tal-funzjoni għall-konformità**<br>*Linja Gwida 6* | |
| **Permanenza tal-funzjoni għall-konformità**<br>*Linja Gwida 7* | **Permanenza tal-funzjoni għall-konformità**<br>*Linja Gwida Ġenerali 6* |
| **Indipendenza tal-funzjoni għall-konformità**<br>*Linja Gwida 8* | **Indipendenza tal-funzjoni għall-konformità**<br>*Linja Gwida Ġenerali 7* |
| **Proporzjonalità fir-rigward tal-effettività tal-funzjoni għall-konformità**<br>*Linja Gwida 9* | **Eżenzjonijiet**<br>*Linja Gwida Ġenerali 8* |

| | |
|---|---|
| **Rabta tal-funzjoni għall-konformità ma' funzjonijiet oħra għall-kontroll intern**<br>*Linja Gwida 10* | **Konformità tal-funzjoni għall-konformità ma' funzjonijiet oħra għall-kontroll intern**<br>*Linja Gwida Ġenerali 9* |
| **Esternalizzazzjoni tal-funzjoni għall-konformità**<br>*Linja Gwida 11* | **Esternalizzazzjoni tal-funzjoni għall-konformità**<br>*Linja Gwida Ġenerali 10* |
| **Rieżami mill-awtorità kompetenti tal-funzjoni għall-konformità** | |
| **Rieżami tal-funzjoni għall-konformità mill-awtoritajiet kompetenti**<br>*Linja Gwida 12* | **Rieżami tal-funzjoni għall-konformità mill-awtoritajiet kompetenti**<br>*Linja Gwida Ġenerali 11* |